# IL-VENERABBLI DUN ĠORĠ PRECA

**KIEN nhar it-Tnejn, 28 ta' Ġunju 1999, li l-Qdusija Tiegħu il-Papa Ġwanni Pawlu II ta d-digriet li fih ħatar lil Dun Ġorġ Preca, Fundatur tas-Soċjeta' tal-MUSEUM, VENERABBLI tal-Knisja Universali. Kienet okkażjoni li fiha kull Malti feraħ hekk kif ra lil Dun Ġorġ jingħata għarfien formali mill-Knisja, għall-ħajja tant tajba li għex, u żgur li fost l-aktar ferħana konna aħna l-Ħamruniżi, għaliex Dun Ġorġ mhux biss għex il-parti l-kbira ta' ħajtu f'nofsna iżda kien fil-Ħamrun li beda u waqqaf il-monument ħaj li għadu jagħmel tant ġid f'pajjiżna u kull fejn hemm ħutna emigranti Maltin.**

Dun Ġorġ twieled il-Belt Valletta fit-12 ta' Frar 1880. Kien is-seba' wieħed fost disa' aħwa, ħames bniet u erba' subien. Missieru kien Vincenz Preca, merkant li aktar tard sar spettur sanitarju u ommu kienet Natalina Ceravolo li kienet għalliema. Ġie mgħammed minn Patri Vincenz Cousin O.P. fil-knisja tad-Dumnikani ta' Porto Salvu nhar is-17 ta' Frar u ingħata l-ismijiet ta' Ġorġ, Pawlu, Piju, Ġanni u Manwel. Ta' eta' żgħira ħafna huwa flimkien ma' familtu ġew joqgħodu l-Ħamrun.

Irċieva l-griżma ta' l-Isqof fil-Knisja ta' San Gejtanu fit-2 ta' Awissu 1888 mill-Isqof Buhagiar O.M.C. L-ewwel studju tiegħu għamlu fl-iskola tal-gvern u billi kien intelliġenti taw parir lil missieru biex iressqu għall-eżami tal-Liċeo. Dun Ġużepp Vella, qassis f'San Gejtanu, ħa grazzja maċ-ċkejken Ġorġ u libbsu l-libsa ta' abbati fil-Knisja tagħna. Serva f'din il-Knisja l-ewwel bħala abbati u mbagħad bħala kjeriku. Sar saċerdot fit-22 ta' Diċembru 1906 u qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu fit-tempju ta' San Gejtanu nhar il-Milied ta' dik is-sena.

Dun Ġorġ kellu xewqa kbira li jgħallem u jwassal il-Bxara t-Tajba fost ħutu u kien ġa beda jgħallem lil Ewġenju Borg. Kien il-Ħamis, 7 ta' Marzu 1907 li nkera l-ewwel post f'numru 6, Triq Fra Diegu. Kien l-ewwel Mużew u fih bdew jingabru t-tfal u ż-żgħażagħ Ħamruniżi jisimgħu lil Dun Ġorġ ikellimhom u jgħallimhom dwar il-Mulej u l-Fidi fiH.

Dun Ġorġ beda ukoll ġewwa l-Ħamrun it-tradizzjoni tant ħelwa u sabiħa tal-purċissjoni bil-Bambin lejliet il-Milied. L-ewwel purċissjoni saret fil-Milied tal-1921. Dakinhar ma sabux Bambin u kellhom jissellfu wieħed mingħand Patri Franġiskan Konventwali tal-Belt. It-tfal u ż-żgħażagħ inġabru min b'fanal bix-xemgħa, min b'fanal bl-aċitilena, bil-blalen tal-karti, bil-weraq tal-palm u bdew mexjin u qajmu Ħamrun sħiħ bil-kant ta' Ninni La Tibkix Iżjed u Adeste Fidelis. Din il-purċissjoni mit-toroq tal-Ħamrun tferrxet mat-toroq ta' Malta kollha u anke ssir fejn hemm il-Maltin f'pajjiżi oħra.



Dun Ġorġ kien devot ħafna tal-Madonna tas-Samra u ta' San Gejtanu u kabbar b'ħidmietu għadd ta' devozzjonijiet.

Il-MUSEUM xtered ma' kull rokna ta' gżiritna u ħafna ssieħbu fih. Kienet opra qaddisa u l-bidu tagħha bħalma jiġri dejjem iltaqa' ma' għadd ta' diffikultajiet. Iżda dak li jkun imbierek mill-Id ta' Alla, l-ebda qawwa oħra ma jirnexxielha tkisser.

Jingħaddu ħafna ġrajjiet dwar Dun Ġorġ u ħafna jirrakontaw inċidenti fejn Alla inqeda b'Dun Ġorġ biex juri l-kobor tiegħu. Forsi l-aktar stejjer magħrufa huma dik li ġrat ħdejn is-Salib tal-Marsa meta tfajjel (Ġesu') ordnalu jimbotta karretta biż-żibel (ordni ta' Ġesu' lil Dun Ġorġ biex jgħin lill-poplu mitluf fid-dnub), meta Dun Ġorġ tkellem fl-istess ħin f'żewġ postijiet differenti u oħrajn. Tista' tgħid li kull familja Ħamruniża għandha xi ħaġa li tfakkarha f'dan il-Qassis twajjeb, jekk mhux xi ġrajja, xi ħaġa li hu kien mess u bierek.

Dun Ġorġ Preca miet nhar il-Ħamis, 26 ta' Lulju 1962 ġewwa dar jisimha 'San Gejtanu'. Malta intilfet f'luttu kbir. Il-Funeral sar fil-Knisja ta' San Gejtanu, fejn folol kbar ħonqu kull rokna tal-Knisja u imlew iz-zuntier u t-toroq tal-viċin. Ġie midfun fil-Kappella tal-MUSEUM fi Blata l-Bajda.

**Horace Muscat**
**President Onorarju**